**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Mejju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Niko Zammit**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

   Niko Zammit iben missier mhux maghruf u Ruth nee' Zammit imwieled l-Pieta, nhar id-9 t' April 1993 u residenti gewwa Marcos Court, P/H 9B Triq Mikiel Abela Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 170193M

   Akkuzat talli nhar it-22 ta' Settembru 2021 bejn l-erbgha ta' wara nofsinhar u l-hamsa ta' wara nofsinhar (16:00hrs u 17:00hrs) fi Triq Sant' Anna Floriana u f'dawn il-Gzejjer.

1. Ikkommetta serq ta' gojjellerija ghad-detriment ta' Francis Camilleri liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232,94) izda anqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329,37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe gizirana tad-deheb isfar ghad-dannu ta' Francis Camilleri, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Niko Zammit bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat li fl-ewwel seduta f'dawn il-proceduri, u cioe fit-8 t' Ottubru 2021 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' sitt (6) snin prigunerija, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet ix-xhieda u rat il-*pre-sentencing report* tal-Ufficjal tal-Probation Mary Anne Zammit tat-12 ta' Jannar 2022.

8. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

10. Ghal fini ta' piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija u ghaldaqstant ma heliex il-hin tal-forzi ta' l-ordni u ta' dawn il-Qrati.

11. In oltre, kif gie verbalizzat fl-istess seduta, qabel inbdew dawn il-proceduri, l-ammont reklamat mill-parti leza, qua d-dannu mgarrab, fl-ammont ta' hames mija u ghoxrin Euro (€520.00) gie mghoddi lill-Ufficjal Prosekutur, sabiex jghaddihom lill-parti leza. Ghaldaqstant, il-piena applikabbli ghandha titnaqqas b'zewg gradi ai termini tal-Artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali.

12. Il-fedina penali tal-imputat hija wahda raffrettarja bi hdax(11)-il kundanna, ghal diversi reati, inkluz numru tajjeb ta' serq ikkwalifikat anke gieli bi vjolenza, ksur tal-ligijiet ta' sewqan, u theddid, tghajjir u resistenza lill-Ufficjali tal-Pulizija.

13. Din il-Qorti lanqas tista' tinjora l-fatt li l-kaz odjern jirrigwarda serq ta' gizirana tad-deheb billi giet migbuda u mqaccta mill-imputat minn madwar ghonq ta' anzjan li kien bi kwietu jistenna l-karrozza tal-linja. Ma' din il-gizirana kien hemm imdendlin salib, curkett tat-tieg u domna tad-deheb. Kieku mhux ghall-fatt li fl-akwati inzerta kien hemm cameras tac-CCTV li gibdu l-akkadut, huwa probabbli li l-imputat ma kienx jigi identifikat.

14. L-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet ir-rapport taghha hekk:

*"**Fatturi Identifikati***

*Minn informazzjoni li ngabret ghal dan ir-rapport gew elenkati* [sic] *diversi fatturi. Jidher li fit-tfulija kien hemm sitwazzjonijiet u problemi li wasslu sabiex l-istess Niko jmur jitrabba mal-missier.*

*Madnakollu, minn dan l-ambjent, Niko gie espost ghall-abbuz tad-droga. Jidher li dan l-abbuz dam ghaddej f'hajjet l-istess Niko. Minn informazzjoni li nghatat minn ommu, hemm ukoll fattur saljenti li qieghed jinkwetahha u din hi l-imgieba impulsiva u aggressiva tieghu.*

*Mir-rigward tat-tehid tad-droga, gie indikat li l-imsemmi ghamel diversi attentati sabiex jindirizza din il-problema tad-droga. Minkejja dan, Niko spicca involva ruhu f'attivita kriminali u anke nghata diversi sentenzi kemm dawk karcerarji u anke dawk ibbazati fil-komunita.*

*Minn sorsi ta' informazzjoni gie indikat li kien hemm perjodu fejn kien ikkopera mal-Ufficjal sorveljanti ghalkemm ma hadimx bizzejjed biex jindirizza l-problema.*

*Huwa innutat li l-vittma fil-kaz thallas mill-istess Niko Zammit.*

***Pjan ta' Kura***

*Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi qieghd jigi indikat li Niko Zammit ghandu bzonn li jindirizza l-problema tad-droga mill-aktar mod immedjat kif ukoll li jindirizza l-problema tal-imgieba impulsiva tieghu. Dan jintlahaq billi hu jinghata ghajnuna professjonali.*

***Rakkomandazzjoni***

*Fid-dawl ta' dawn il-fatti u fic-cirkostanzi li hemm ir-recidiva, qed ikun umilment irrakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti piena karcerarkja li matulha jkun hemm l-opportunita li l-imsemmi jinghata s-servizz ta' Anger Management kif ukoll opportunita li jindirizza l-problema tad-droga."*

15. Din il-Qorti tibda biex tosserva li ghalkemm jirrizulta mill-informazzjoni li gabret l-Ufficjal tal-Probation li l-imputat kellu l-problema tad-droga sas-sena 2015, meta hija hadet il-kampjun tal-urina tal-imputat fis-7 ta' Jannar 2022, il-kampjun kien negattiv ghal sustanzi illeciti. Ma hemm l-ebda informazzjoni ohra fl-atti jew li gabret l-Ufficjal tal-Probation li juru sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat ghadu sal-lum tossikodipendenti. Huwa vera li serq ta' oggetti b'valur zghir, huwa normalment assocjat mat-tossikodipendenza, pero dan la tista' tassumieh il-Qorti u bir-rispett kollu lanqas l-Ufficjal tal-Probation.

16. L-Ufficjal tal-Probation rrakkomandat piena karcerarja ghaliex l-imputat huwa recidiv. Pero, il-fatt wahdu li imputat huwa recidiv, ma jfissirx awtomatikament li din il-Qorti ghandha tati piena karcerarja. Il-fatt li l-imputat huwa recidiv ifisser li din il-Qorti ghandha diskrezzjoni skond il-ligi izzid il-piena karcerarja jekk tinghata wahda, u li l-imputat ma jistghax jinghata sentenza sospiza u dan ai termini tal-Artikolu 28(7)(b) tal-Kodici Kriminali.

17. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et** deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet hekk:

*"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing (Heinemann, London, 1979):*

*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and*

*sentence, even if the chances of success are obviously limited ... ... As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23)."*

18. Dak li naqset li tosserva l-Ufficjal tal-Probation huwa li mill-fedina penali jidher li fil-21 ta' Frar 2020, inghata sentenza minn din il-Qorti diversament preseduta, fejn instab hati ta' serq ikkwalifikat u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor ghal perjodu ta' sentejn. Billi r-reati odjerni gew kommessi fit-22 ta' Settembru 2021, allura jidher li dawn ir-reati gew kommessi fil-perjodu operattiv ta' din il-liberazzjoni kondizzjonata. Pero ghal xi raguni, l-Prosekuzzjoni naqset li tixli lill-imputat b'dan il-fatt. Kieku l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat b'dan il-fatt, il-konsegwenza kienet tkun li din il-Qorti tkun impeduta ai termini tal-Artikolu 23(2) tal-Kapitolu 446 milli tista tati sanzjoni kommunitarja lill-imputat, u billi ghar-raguni fuq moghtija lanqas tista' tati piena karcerarja sospiza, l-unika piena li setghet legalment tati din il-Qorti kienet tkun wahda karcerarja effettiva. Pero, din hija biss sitwazzjoni ipotetika, ghaliex kif inghad, il-Prosekuzzjoni naqset li tixli lill-imputat li ikkommetta dawn ir-reati fil-perjodu operattiv tal-liberta kondizzjonata.

19. Wara li irriflettiet fit-tul, din il-Qorti hija tal-opinjoni li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ghandha tati l-ahhar opportunita lill-imputat sabiex jirriforma ruhu u jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, billi tpoggieh taht ordni ta' probation sabiex jinghata l-ghajnuna professjonali kollha mehtiega sabiex jindirizza l-problema ta' impulsivita u aggressivita li ghandu, u biex jindirizza kwalunkwe problema ohra li jista' jkollu.

20. Pero il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputat ghandu jaghmel servizz bla hlas fil-komunita sabiex jaghti lura lis-socjeta biex jikkumpensa ghall-hsara li ghamel.

**Konkluzjoni**

21. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Wara li rat l-Artikolu 261(c), 267, 325(c), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, izda tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ai termini ta' l-

Artikolu 18 tal-Kapitolu 446, tordna li l-hati jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum, u li jobdi ordni ta' servizz fil-kommunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Dawn l-ordnijiet qed isiru wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' dawn l-ordnijiet u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghhhom jew jaghmel  xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

22. Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza u tal-ordnijiet fuq imsemmija lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**